**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 397/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**Vs**

**Luke Farrugia**

**Illum 23 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Luke Farrugia**, iben Albert u Jennifer neè Mercieca, imwieled il-Pietà fl-10 ta' April 1995 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0163495(M), talli nhar it-23 ta' Lulju 2022, għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn 13:00hrs u 14:30hrs, ġewwa Żabbar, u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-partner tiegħu Kayleigh Dalton f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi fuq l-istess Kayleigh Dalton, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Gillian Pace Moore, Med. Reg. No. 4282;

2. Ħebb kontra l-partner tiegħu u cioè Kayleigh Dalton sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

3. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ippresjeduta mill-Maġistrat Dr. M. A. Farrugia LL.D. nhar it-23 ta' Jannar 2020, f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat ieħor;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Luke Farrugia u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu, kif ukoll tordna sabiex is-somma ta' elf Euro (€1,000) bħala depożitu u s-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) bħala garanzija jew parti minnhom tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija tittratta ma' Luke Farrugia bħala reċidiv u dan wara li ngħata diversi sentenzi mill-Qrati tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) toħroġ

Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Luke Farrugia a benefiċċju ta' Kayleigh Dalton u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Kayleigh Dalton jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika u flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Luke Farrugia billi tapplika l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Luke Farrugia b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq; (v) f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna li Luke Farrugia iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-25 ta' Lulju 2022 markati Dok. "SB1" sa' Dok. "SB5" a fol. 8 sa' 22 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, maħruġa kontra l-imputat għas-salvagwardja ta' Kayleigh Dalton permezz ta' Digriet datat 25 ta' Lulju 2022[2];

Semgħet ix-xhieda ta' Kayleigh Dalton mogħtija waqt is-seduti tas-17 ta' Awwissu 2022[3] u tat-23 ta' Awwissu 2022[4] u rat id-dokumenti esebit minnha markati Dok. "KD" a fol. 46 tal-proċess u Dok. "KDX1" sa' Dok. "KDX5" a fol. 92 sa' 96 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Sherona Buhagiar mogħtija waqt is-seduti tas-17 ta' Awwissu 2022[5], tat-23 ta' Awwissu 2022[6] u tat-18 ta' Jannar 2023[7] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SB6" sa' Dok. "SB9" a fol. 50 sa' 54 tal-proċess[8] u Dok. "SBX" a fol. 59 sa' 89 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC2043 Jacqueline Chapell[9], ta' PC889 Anton Micallef[10] u ta' PC699 Carlos Farrugia[11] mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2022 u x-xhieda ta' PC1234 Daniel Spiteri[12], PC240 Jean Paul Dalli[13] u ta' Dr. Gillian Gatt Pace Moore[14] mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2022, semgħet ix-xhieda ta' Charmaine Zammit, in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited, mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022[15] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "E1" u Dok. "E2" a fol. 122 sa' 124 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri mogħtija waqt is-

[1] Fol. 7 tal-proċess.

[2] Fol. 25 tal-proċess.

[3] Fol. 38 sa' 45 tal-proċess.

[4] Fol. 90 u 91 tal-proċess.

[5] Fol. 47 sa' 49 tal-proċess.

[6] Fol. 57 u 58 tal-proċess.

[7] Fol. 129 sa' 131 tal-proċess.

[8] Id-dokument markat Dok. "SB7" għandu Esebit Nru. KA209/2023, fol. 1614 tal-proċess.

[9] Fol. 100 u 101 tal-proċess.

[10] Fol. 102 u 103 tal-proċess.

[11] Fol. 104 u 105 tal-proċess.

[12] Fol. 112 u 113 tal-proċess.

[13] Fol. 114 u 115 tal-proċess.

[14] Fol. 116 sa' 118 tal-proċess.

[15] Fol. 120 u 121 tal-proċess.

seduta tat-18 ta' Jannar 2023[16] u x-xhieda ta' Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Frar 2023[17] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SCT" u Dok. "SCT1" a fol. 134 sa' 142 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 2023[18] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "KC" a fol. 152 sa' 1610 tal-proċess;

Rat li b'Digriet datat 23 ta' Awwissu 2022[19] ġie nominat it-Tabib Dr. Mario Scerri bħala Espert Mediku sabiex jezamina lil Kayleigh Dalton għall-fini li jiddetermina l-ġrieħi sofferti minnha u l-permanenza tagħhom u ġie nominat Keith Cutajar bħala Espert Tekniku sabiex janalizza l-mobile ta' l-imputat esebit bħala Dok. "SB7", u dana sabiex joħroġ ic-chats bejn l-imputat u Kayleigh Dalton fit-23 ta' Lulju 2022 u l-24 ta' Lulju 2022;

Rat li b'Digriet datat 18 ta' Jannar 2023[20], ġie revokat l-inkarigu mogħti lill-Espert Tekniku Dr. Mario Scerri u dana billi Kayleigh Dalton ripetutament naqset milli tattendi għall-appuntamenti ffissati minnu;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 14 ta' Lulju 2023[21], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(2), 222(1)(a) u 202(h)(i)(v)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2023, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Semgħet ix-xhieda ta' Kayleigh Dalton mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2024[22], fejn iddikjarat li trid twaqqaf il-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat;

Rat l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-*provisos* ta' l-istess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[16] Fol. 128 tal-proċess.

[17] Fol. 133 tal-proċess.

[18] Fol. 150 tal-proċess.

[19] Fol. 55 tal-proċess.

[20] Fol. 127 tal-proċess.

[21] Fol. 1616 u 1617 tal-proċess.

[22] Fol. 1627 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-23 ta' Lulju 2022, għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn 13:00hrs u 14:30hrs, ġewwa Żabbar, u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-partner tiegħu Kayleigh Dalton f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi fuq l-istess Kayleigh Dalton, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Gillian Pace Moore, Med. Reg. No. 4282; (2) Ħebb kontra l-partner tiegħu u cioè Kayleigh Dalton sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali; (3) U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ippresjeduta mill-Maġistrat Dr. M. A. Farrugia LL.D. nhar it-23 ta' Jannar 2020, f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat ieħor.

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 14 ta' Lulju 2023, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(2), 222(1)(a) u 202(h)(i)(v)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fi stadju inoltrat tal-proċeduri, senjatament waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2024, l-allegata vittma Kayleigh Dalton talbet biex il-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat jitwaqqfu. Hija stqarret li *r-raġuni li nixtieq inwaqqaf kollox għaliex ir-relazzjoni bejni u bejn Luke ilha li ntemmet u minn mindu li ma bqajniex f'relazzjoni flimkien jiena u Luke qegħdin on a better relationship fis-sens li nsibu għal ħafna affarijiet, jgħini, anki mmuvjat ġod-dar tiegħi jgħini ħafna, ħafna, ħafna u still jekk ma nibqax inkellmu ma nixtieqx li jkolli dawn l-affarijiet għaddejjin speċjalment jekk jiena miegħu on a good note. Nilqgħu d-dar tiegħi avolja hemm Protection Order u ma reġa' xejn minn dakinhar.* Kayleigh Dalton stqarret li għalkemm hi u l-imputat ma għadhomx f'relazzjoni, bejniethom hemm ħbiberija[23].

In vista tad-dikjarazzjoni avvanzata minn Kayleigh Dalton waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2024, din il-Qorti neċessarjament għandha tikkonsidra dak provdut fl-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: ... (e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika. Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika: Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan*

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2024, fol. 1627 u 1628 tal-proċess.

*il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-Qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.*

Ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta *"vjolenza domestika" tfisser kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li isseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika.*

Dejjem ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta *"familja jew unità domestika" tinkludi: (a) konjuġi, imsieħba f'unjoni ċivili jew koabitanti attwali jew passati; (b) persuni li jgħixu fl-istess dar ma' l-awtur tar-reat jew li kienu jgħixu miegħu fi żmien tliet snin qabel l-okkorrenza tar-reat; (ċ) persuni li ż-żwieġ tagħhom ġie xolt jew dikjarat null; (d) axxendent jew dixxendent; (e) adulti oħrajn li jgħixu fl-istess dar; (f) persuni f'relazzjoni informali, li huma jew li kienu qegħdin jiffrekwentaw lil xulxin; (g) persuni li huma jew kienu formalment jew informalment għarajjes lil xulxin bil-għan li jidħlu fi żwieġ jew unjoni ċivili; (h) persuni li huma relatati ma' xulxin mid-demm jew miż-żwieġ sat-tielet grad inklużivament; (i) persuni li għandhom jew kellhom wild in komuni.*

Meta l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat, konsistenti dawn f'imputazzjoni ta' reat ta' offiża gravi ta' natura volontarja a dannu ta' Kayleigh Dalton, f'imputazzjoni ta' reat ta' inġurji, dwejjaq jew ħsara mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, a dannu ta' Kayleigh Dalton u f'imputazzjoni ta' reat ta' ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest, marbuta din ma' l-ewwel żewġ imputazzjonijet dedotti fil-konfront ta' l-imputat, **u** l-fatti tal-każ, fejn fiż-żmien tat-twettiq tar-reati in kwistjoni Kayleigh Dalton u l-imputat kienu f'relazzjoni u anke kienu jgħixu flimkien fid-dar ta' l-istess imputat, jiġu ikkunsidrati fid-dawl tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta immedjament evidenti li r-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat huma reati li jinvolvu u/jew huma marbuta ma' vjolenza domestika ai termini tal-Liġi.

Għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni u konsegwenti applikazzjoni ta' l-Artikolu 543 (e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Norman Cascun, Appell Nru. 233/19**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2019, fejn ġie osservat illi: *l-Artikolu 543 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi sitwazzjoni fejn il-kontinwazzjoni ta' l-azzjoni kriminali mibdija ex officio, (a prescindere mill-fatt jekk ir-reat li jinvolvi vjolenza domestika jkunx wieħed minn dawk li jeħtieġu l-kwerela tal-parti offiża jew le - stante li l-Liġi hija siekta fuq dan) tista' tiġi mitmuma fuq deċiżjoni tal-vittma. Hawnhekk il-leġislatur ried li jintroduċi kwalifika għar-regola li azzjoni kriminali istitwita ex officio tibqa' miexja indipendentement mir-reċess jew remissjoni tal-parti privata sabiex fil-każijiet ta' vjolenza domestika jissalvagwardja l-interessi supremi tar-relazzjonijiet familjari (forsi biex jipprova jsalva dak li hu salvabbli u ma jkunx hemm attrit jew peġġjorament tar-relazzjonijiet interpersonali bejn membri tal-familja li fl-aħħar mill-aħħar ikunu jridu jibqgħu jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf jew iżommu l-*

*kuntest domestiku ta' bejniethom). Hawnhekk allura l-Liġi trid li tipprevali il-Grazzja fuq il-Ġustizzja fl-interess suprem tal-ħajja domestika u l-importanza li din għandha fil-kuntest soċjali tal-pajjiż. Iżda l-Qorti hija akkordata, per via eccezionale, u fil-każijiet appositi, id-diskrezzjoni li tmur kontra din ix-xewqa tal-vittma u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew. Fil-fehma tal-Qorti però l-enfasi tal-Liġi f'dan il-proviso qiegħed fuq l-għażla tal-vittma aktar milli fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti.*

Għalkemm fil-każ in eżami r-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat u l-fatti ċirkondanti l-istess ma jistgħux u ma għandhomx jiġu ikkunsidrati bħala insinjifikanti, mix-xhieda ta' Kayleigh Dalton mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2024[24], jirriżulta li llum, wara ċertu żmien li seħħew l-allegati fatti mertu ta' dawn il-proċeduri, is-sitwazzjoni ta' bejniethom ikkalmat ħafna. Jirriżulta li l-imputat qed ikun ta' *support* kbir għal Kayleigh Dalton u jagħti l-għajnuna tiegħu kull fejn u meta hi jkollha bżonn. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk, fil-każ in eżami għandha, kif ingħad fis-sentenza appena ċitata, *tipprevali il-Grazzja fuq il-Ġustizzja fl-interess suprem tal-ħajja domestika u l-importanza li din għandha fil-kuntest soċjali tal-pajjiż.* Għalkemm Kayleigh Dalton u l-imputat ma għadhomx f'relazzjoni sentimentali w intima bejniethom, huma xorta għandhom relazzjoni ta' ħbiberija, relazzjoni din li sejra tajjeb, tant illi għadhom jiffrekwentaw lil xulxin regolarment, inkluż fid-dar ta' Dalton stess.

Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in partikolari t-tieni proviso ta' l-istess, u l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' t-talba ta' Kayleigh Dalton sabiex il-proċeduri kontra l-imputat jiġu mwaqqfa u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront ta' l-imputat b'dawn il-proċeduri.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[24] Fol. 1627 u 1628 tal-proċess.